

32003R0225

L 31/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

6.2.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 225/2003
tal-5 ta' Frar 2003**

**li jemenda Regolament (KE) Nru 2125/95 rigward il-lista ta' l-awtoritajiet kompetenti Ċiniżi biex joħorġu
ċ-ċertifikati ta' l-oriġini u kopji dwar faqqiegħ preservati**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti proċessati tal-frott u l-ħaxix ta' l-ikel (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 453/2002 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

timbri u firem ġodda, meta japplikaw għall-ħelsien tal-faqqiegħ preservat miċ-Ċina għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità Ewropea. Sabiex jiżguraw li l-importazzjoni tkompli b'mod konsistenti, din l-għażla għandha tkun provvjeta sal-31 ta' Mejju 2003.

(3) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Prodotti proċessati mill-Frott u l-Ħaxix ta' l-ikel.

Billi:

- (1) B'nota verbali tal-5 ta' Diċembru 2002, l-awtoritajiet Ċiniżi bagħtu lill-Kummissjoni aġġornament komplut tal-lista tal-awtoritajiet kompetenti Ċiniżi biex joħorġu ċ-ċertifikati ta' l-oriġini u kopji meħtieġa għall-ħelsien taċ-ċirkolazzjoni libera tal-faqqiegħ preservat li jorrīġina minn dak il-pajjiż terz, kif riferut fl-Artikolu 10(1) tal-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2125/95 tas-6 ta' Settembru 1995 li jiftaħ u jipprovvdī għall-amministrazzjoni tal-kwota tatariffi għall-faqqiegħ preservat (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1286/2002 (⁴). L-Anness II ta' dak ir-Regolament għandu għalhekk jiġi emendat.
- (2) Fl-istess nota l-awtoritajiet Ċiniżi staqsew lill-Kummissjoni biex taċċetta temporanjament l-użu taċ-ċertifikati ta' l-oriġini u kopji li għandhom timbri u firem tal-awtoritajiet riferuti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2125/95, kif emendati bir-Regolament (KE) Nru 1286/2002, b'mod konformi maċ-ċertifikati ta' l-oriġini u kopji li għandhom

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2125/95 jiġi mibdul bl-Anness t'hawn.

Artikolu 2

Sal-31ta' Mejju 2003, importattur jista' jagħti, meta qed japplika għall-ħelsien tal-faqqiegħ preservat li jorrīġina miċ-Ċina għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità, ċ-ċertifikati ta' l-oriġini u kopji li għandhom timbri u firem tal-awtoritajiet Ċiniżi msemmija fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2125/95 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1286/2002.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 29.

(²) ĠU L 72, ta' l-14.3.2002, p. 9.

(³) ĠU L 212, tas-7.9.1995, p. 16.

(⁴) ĠU L 179, tad-9.7.2002, p. 21.

ANNESS

“ANNESS II

Lista tal-awtoritajiet kompetenti Ċiniżi biex joħorġu c-ċertifikati ta' l-oriġini u kopji msejħa fl-Artikolu 10(1):

- L-Amministrazzjoni Ĝeneralis tas-Superviżjoni tal-Kwalità
- L-uffiċċju tal-Inspezzjoni u Kwarantina tad-dħul/ħruġ fir-/mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina:

Beijing	Jiangxi	Shenzhen
Shanxi	Zhuhai	Ningxia
Inner Mongolia	Sichuan	Tianjin
Hebei	Chongqing	Shanghai
Liaoning	Yunnan	Ningbo
Jilin	Guizhou	Jiangsu
Shandong	Shaanxi	Guangxi
Zhejiang	Gansu	Heilongjiang
Anhui	Qinghai	Hainan
Hubei	Tibet	Henan
Guangdong	Fujian	Xinjiang
Xiamen		Hunan”